# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404

Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796

E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tnejn (2) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Erbgħa 8 ta' Frar 2012, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi-Sindku |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi jixtieq jagħmel 'double yellow line' mad-dawra kollha tat-triq il-Karwija li taqa' fil-konfini ta' Ħal Kirkop [ref: punt 3.4] biex in-nies ma jħallux il-karrozzi hemm. Il-Viċi Sindku Publius Abdilla ppropona li nistaqsu lil TransportMalta biex jagħtu daqqa t'għajn ħalli nevitaw problemi, waqt li żied illi għandna niffukaw fuq il-konfini tagħna u mhux fuq ta' Ħal Kirkop. Is-Sindku ppropona li nagħmlu tabella li karozzi ma jistgħux jipparkjaw hemmhekk. F'okkażjoni li jkun hemm karozzi pparkjati hemm, trakkijiet ma jkunux jistgħu jgħaddu peress illi hemm central

strip ukoll. Il-kunsillier Francis Callus żied illi ambulanzi ma jkunux jistgħu jgħaddu għal Ħal Safi jekk ikun hemm karozzi pparkjati hemm.

3.2 Is-Sindku qal illi għamel talba lill-Ministeru biex itejbu d-dawl fil-parti tat-triq il-Karwija li hija mudlama [ref: punt 3.5], iżda ma rċeviex risposta.

3.3 Rigward l-'Early Bird Initiative', is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s'issa d-Dipartiment ma ħareġ l-ebda informazzjoni u qalulu li ma jafux meta jkunu jistgħu jibdew jibagħtu nies għas-sorveljanza fl-iskola primarja [ref: punt 3.11].

3.4 Is-Sindku qal illi l-PrintRight qegħdin jgħidu li m'għandhomx tort wara illi l-Kunsill ilmenta dwar l-iżbalji li saru fil-fuljett tal-Kunsill ta' Diċembru 2011. Fl-istess ħin qal illi qegħdin jgħidu li fl-istess ħin tawna 50 kopja żejda. Il-kunsilliera qalu illi dawn xorta kienu 50 kopja bi żbalji. Il-kunsillier Eddie Bonello ppropona li nħalsu €500 [minn kont ta €760] b'nota "made good" [li tirreferi għall-fatt illi mhux se nħalsu l-ammont totali minħabba nuqqas ta' sodisfazzjon fil-produzzjoni tax-xogħol], wara li s-Sindku talab kemm għandna nħalsuhom. Il-kunsillier Francis Callus qal illi hu mhux lest jaċċetta l-ebda ħlas għax-xogħol.

3.5 Dwar l-ideja biex nibdew kors tad-drama fir-raħal, il-Viċi Sindku jixtieq illi nġibu għalliem mir-raħal jekk possibli. Il-kunsillier Francis Callus qal illi għandna nieħdu parir mid-Drama Unit dwar kif għandna norganizzaw dawn il-korsijiet. Il-Kunsill se joħroġ flyers ħalli jara jekk hemm interess f'korsijiet tad-drama għat-tfal bejn 6-12.

3.6 Is-Sindku qal illi, barra l-proposta tal-Viċi Sindku biex nixegħlu d-dawl tal-istatwa ta' San Pawl [ref: punt 9.5], għandna nagħmlu dawl ukoll fuq iz-zuntier tal-knisja.

3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna l-ittra mid-Dipartiment dwar l-ammont li ħadu lura mill-Allokazzjoni tal-Kunsill minħabba ħlas żejda li rċevejna għall-kirja ta' kamra tal-Kunsill [ref: punt 4.3]

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ordna t-tabelli kontra t-tipjip fil-Playing Fields, iżda l-Kunsill kellu jipposponi l-ordni [ref: punt 4.6]. Il-Kunsill se jerġa jordnahom wara 'go ahead' mill-kumitat tar-reġjun, u se jordna 2 tabelli u mhux 4.

3.9 Is-Sindku qal illi l-isem 'Carmel Caruana: Politiku' ġie aċċettat mill-Ministeru tal-Ġustizzja għall-isem tat-triq il-ġdida tal-Karwija [ref: punt 4.10].

3.10 Is-Sindku qal illi t-talba għaż-żebgħa għax-xogħol fl-iskola kien aċċettat mid-Dipartiment tal-IPSL [ref: punt 4.13].

3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi lezzjonijiet tal-Creative Writing se jibdew aktar tard fi Frar [ref: punt 4.14].

3.12 Il-kunsilliera lmentaw illi hemm ħofra issa fejn kien hemm ir-roadhumps illi kellna nneħħu f'triq il-Kuċċard [ref: punt 4.15].

3.13 Wara talba għall-ispeċifikazzjonijiet tar-radar [ref: punt 7.1] li għandu jiġi nstallat fis-Safi Aviation Park, il-Kunsill irċieva dwar radar illi hemm f'Ħal Far. Il-Kunsill se jerġa jagħmel talba għad-dokumenti.

3.14 Is-Sindku qal li l-lapida għall-area ta' T'Amparell tiswa €500 u ġie ordnat [ref: punt 9.2]. Il-Viċi Sindku ppropona li nagħmlu attivita fuq il-post. Ippropona li nġibu persuna għall-face painting u li jaghmel 'balloon animals' għat-tfal, waqt li norganizzaw l-attivita flimkien mal-Każin. Il-Kappillan se jiġi mitlub biex jgħid dwar l-attivita wara l-quddies, waqt li l-Kunsill se jistiednuħ biex jiġi jbierek il-post. Se jsiru 'flyers' ukoll għall-ħwienet biex nippromwovu l-attivita. Il-kunsillier Francis Callus qal illi jemmen illi għandna nagħmlu l-attivita matul il-ġimgħa filgħodu biex il-Madam tkun tista ġġib it-tfal tal-iskola. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel illi, minflok l-attivita ssir nhar il-Ħadd 22 ta' Frar.

**4. Korrespondenza**

4.1 TransportMalta bagħtu ittra fejn qalu li xogħolijiet mhux essenzjali f'toroq arterjali u distributorji ma jistgħux isiru bejn is-6.30am u 9.30am.

4.2 Id-Dipartiment bagħat korrespondenza dwar it-tnaqqis tal-Allokazzjoni [ref: punt 3.7 ta din is-seduta].

4.3 St. Thomas More College għamlu talba għal kotba jew book token għall-Prize Day tagħhom. Il-Kunsill qablu li nagħtu token ta' €20.

4.4 Is-sur Reuben Sciberras bagħat email fejn qal illi t-tabelli dwar il-projbizzjoni tat-tipjip għandhom jiġu ordnati biss wara li jgħidulna tar-reġjun [ref: punt 3.8 ta din is-seduta]

4.5 Is-sur Martin Else talab illi jkun hemm stands fir-raħal fejn jista jqassam il-gazzetta tiegħu 'Malta Now' b'xejn. Il-kunsillier Francis Callus ried ikun jaf jekk ikun hemm bżonn permessi għal dawn l-istands, iżda l-persuna diġa għandu l-approvazzjoni mill-MEPA, il-Heritage Planning Unit, TransportMalta, eċċ. Il-kunsillier Eddie Bonello qal illi aħna għandna ngħidulu fejn ikunu l-istands u li għandu jiġi sal-Kunsill qabel. Il-kunsillier Jerome Busuttil qal illi għandna naraw x'gazzetta hi u kulħadd qabel illi jekk hemm politika fil-gazzetta ma ngħinux fid-distribuzzjoni tagħha. Is-sur Else għandu jibgħat l-aħħar żewġ kopji.

4.6 Id-Dipartiment bagħat ittra fejn jispjega li fis-sena 2012 il-Gvern għandu jieħu ftit mill-Allokazzjonijiet tal-Kunsilli. Is-somma ġiet mnaqqsa mill-Allokazzjoni.

4.7 Il-Viċi Sindku staqsa għad-dettalji dwar l-email tas-sur Alessandro Cristina. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu talab informazzjoni dwar l-attivitajiet li organizza/kien involut fihom il-Kunsill. Il-Kunsill kien diġa rrisponda t-talba tas-sur Cristina.

**5. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

5.1 Il-Kunsill approva l-iskema tal-pagamenti.

5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jevalwa l-kwotazzjonijiet ta' SMS Insurance u Peak Insurance qabel ma noħorġu l-ammont li talab Peak biex inġeddu l-insurance tal-Kunsill.

**6. WasteServ**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna nħallsu l-ammont dovut lejn il-WasteServ għall-kontijiet ta' 2010 u 2011. Il-pagamenti lejn il-kumpanija kienu waqfu temporarjament minħabba li l-

Kunsill kien diġa ħallas iżjed fil-passat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll illi l-Kunsill għandu jkompli jħallas l-ammonti skont l-allokazzjoni tad-DLG għat-trenching permits, u mhux b'kemm qegħdin jitolbu l-WasteServ.

**7. Laqgħa ma Ozone Ltd.**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta d-dettalji tal-laqgħa li kellu m'Ozone Ltd. Huma offrew rati li huma kompetittivi fejn il-Go. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jistaqsi lil dawk il-kunsilli li jużaw is-servizzi tal-kumpanija għall-iżjed informazzjon, u feedback, dwar il-valur tas-servizz tagħhom. Il-Kunsill ikun jista jieħu deċizjoni aħjar wara dan l-informazzjoni.

**8. Laqgħa mas-Safety Officer**

8.1 Is-sur Omar Schembri kellu jħassar l-appuntament mal-Kunsill. Se jerġa jiltaqa mal-kunsilliera matul il-ġranet illi ġejjin.

9. **Jum Ħal Safi**

9.1 Il-Kunsill se jiltaqa matul il-ġimgħa biex jiffoka fuq il- pjanijiet għal Jum Ħal Safi. Il-Kunsill qabel illi jkun aħjar jekk niltaqgħu u nagħtu l-attenzjoni għall-organizzazzjoni tal-attivitajiet. Il-Kunsill se jilaqa nhar l-Erbgħa 15 ta' Frar.

**10. Laqgħa tal-Lokalita**

10.1 Il-laqgħa tal-Lokalita se tkun fis-27 ta' Frar 2012. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu joħroġ l-avviz fuq il-gazzetti.

## 11. Ħwejjeġ oħra

11.1 Il-kunsillier Jerome Busuttil qal illi hemm siġar mar-roundabout ta' triq il-Karwija [kif tispiċċa t-triq qabel ma tidħol għal Ħal Safi] li għandhom bżonn jiġu maqtugħin.

11.2 Is-Sindku qal illi se jibda x-xogħol f'triq il-Kuċċard. Il-Gvern se jħallas madwar €378,000 u għandna noħorġu ammont aħna. Il-Kunsill qabel illi noħorġu €10,000 iżda għandna niktbu biex ngħidu li dak hu l-ammont illi nistgħu noffru. Il-kunsillier Eddie Bonello talab illi jagħtuna pjanta tax-xogħol illi se jsir, waqt illi s-Sindku qal illi għalissa l-parti tagħna se titwessa biss.

11.3 Is-Sindku qal illi hemm bżonn illi nagħmlu patching f'triq tal-Palma u f'triq ta' Ġawhar. Il-kunsillier Eddie Bonello ma kkontestax l-proposta iżda qal illi issa mhux il-ħin għal dan ix-xogħol [minħabba t-temp]. Dan ix-xogħol għandu jsir fil-futur. Il-Kunsill diġa għandu stima għal dan ix-xogħol u se jiswa €2360 [għan-naħa ta' Ħal Far] u €2000 [għan-naħa tal-Ħlantun] bil-VAT u tarmak inkluz.

11.4 Is-Sindku qal illi l-program Illostra daħal ġol Kunsill bl-audio u bil-video mingħajr permess. Ġabu filmat u audio ukoll tat-telefonata mas-Sindku mingħajr il-kunsens tiegħu jew tal-Kunsill. Il-kunsilliera qalu li l-ilmenti għandhom isiru lejn Ray Calleya u mhux lejn l-istazzjon tax-xandir.

11.5 Il-kunsillier Francis Callus qal illi m'għamlux it-tabelli tar-reserved parking kif suppost. Is-Sindku qal illi se nagħmlu ħames kaxex sofor ħalli dawk ikunu l-postijiet riservat.

11.5 Il-kunsilliera aċċettaw illi nixtru taġen għall-użu tal-Kunsill u l-ħaddiema tal-Kunsill.

## 12. Laqgħa li jmiss

10.3 Il-laqgħa li jmiss se tkun fis- 27 ta' Frar 2012

Sindku                                        Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404

Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796

E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Kontinwazzjoni: Minuti tas-seduta numru tnejn (2) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Erbgħa 15 ta' Frar 2012, fit-3.00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi-Sindku |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-sur Omar Schembri kien mistieden biex jagħti il-parir tiegħu dwar il-basketball rings illi l-Kunsill jixtieq jagħmel fl-iskola primarja ta' Ħal Safi. Is-sur Schembri qal illi kien kellem mal-kap tal-iskola u hi ma tixtieqx illi nwaħħlu bord mal-ħajt. Qal illi l-uniku alternattiva li hemm hu biex nagħmlu arbli, iżda dawn jiswew iżjed flus u huma ta' periklu. Il-kunsilliera qablu unaniment illi dawn l-arbli ma jsirux.

2. Il-kunsillier Francis Callus qal illi l-kap tal-iskola tmexxi l-iskola waqt illi l-Kunsill mmexxi r-raħal. Qal illi ma nistgħux nobligawha biex tagħmel il-boards iżda aħna għandna nikkonsidraw il-bqija tar-raħal ukoll, u hemm min jixtieq dawn il-boards li huma ta' benefiċċju għar-raħal. Żied ukoll illi dejjem konna t'assistenza għall-iskola meta l-kap talbet għall-għajnuna.

3. Is-Sindku qal illi se jagħmel laqgħa magħha biex jiddiskutu s-suġġett.

4. Is-sur Schembri qal illi se jibda l-kors ta' Creative Writing il-ġimgħa ta' wara l-Karnival. Il-kors se jdum għaxar ġimgħat.

5. Is-sur Schembri rringrazzja l-kunsilliera u mat-tmiem tad-diskussjonijiet tal-Basketball rings u l-kors tal-Creative Writing telaq.

6. Fit-3.20 daħlet is-sinjura Josianne Debono [l-accountant tal-Kunsill] biex tagħti ftit informazzjoni dwar il-Financial Statements tal-Kunsill għas-sena 2011. Is-sinjura Debono rrispondiet il-mistoqsijiet tal-kunsilliera u fehemithom l-ammonti li daħlu u ħarġu mill-Kunsill f'2011. Fl-3.45pm, mat-tmiem tar-round-up tar-rapport, il-kunsilliera rringrazzjaw lis-sinjura Debono għax-xogħol u telqet mill-kamra tal-Kunsill.

7. Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra mingħand is-sur Nikolai Busuttil fejn għamel talba għal Vending Machine fejn il-Kunsill. Il-kunsilliera fehmu li hu xtaq jagħmel il-magna hemm u mhux illi qiegħed jitlob li jkun hemm magna tax-xorb. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jagħmel kuntatt mal-persuna biex jara jekk hu qiegħed jagħmel talba jew jekk qed joffri li jpoġġi l-magna hu stess. Tittieħed deċizjoni wara dan il-korrespondenza.

8. Il-kunsilliera bdew jiddiskutu l-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi għas-sena 2012. Għażlu l-ħames nies għall-kumitat tal-għażla għall-Premju Onorefiċenzja. Il-kunsillier Eddie Bonello ppropona lis-sur Tarċisio Barbara bħala ċ-Chairperson tal-kumitat u l-Kunsill qabel mas-suġġeriment. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu javza l-kumitat illi l-klawsoli u r-regolamenti għall-għażla, mhumiex miftuħin għad-diskussjoni.

9. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kkuntatja l-għaqda tal-ortikultura sabiex huma jagħtu premju għall-isbaħ faċċata/tieqa/gallerija/eċċ fir-raħal waqt iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li barra din l-attivita nżommu mal-istess attivitajiet tas-sena l-oħra.

10. Il-Viċi Sindku Publius Abdilla rrimarka li hemm bżonn illi nduru l-ħofor tal-għelieqi għax għandna bżonn nagħmluhom. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol jista jsir biss meta t-temp ikun aħjar.

11. Il-laqgħa ntemmet fl-4.30pm.

Sindku Segretarju Eżekuttiv